**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 19 TA' SETTEMBRU, 2001**

**Numru: 5**

**Avviz Nru: 540/01 AE**

**Associated Supplies Ltd**

**vs**

**Stephen Galli**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u tlieta u ghoxrin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm223.13) rapprezentanti in kwantu ghal erbatax-il lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm14.13) rifuzjoni ta' hlas indebitu u maghmul mis-socjeta attrici lill-konvenut; kwantu ghal mitejn u sbatax-il lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm217.63) rifuzjoni ta' diversi flejjes migbura mill-konvenut minghand diversi kljienti tas-socjeta attriciu approprijati indebitament mill-konvenut; u kwantu ghal hames liri Maltin u hamsa centezmu (Lm5.50) bhala prezz ta' materjal mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta attrici lill-istess konvenut.

Illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx fis-seduta tat-5 u tat-12 ta' Settembru 2001 u lanqas fis-seduta tal-lum, kif ukoll ma pprezentax risposta.

Semgha bil-gurament lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma li:

(i) Il-konvenut kien jigi nkarigat mis-socjeta attrici sabiex jaghmel xoghol ta' tiswija u maintenance fuq *airconditioners*;
(ii) Is-somma ta' Lm5.50 hija dovuta mill-konvenut ghax-xiri ta' parts (Dok. CR3) minghand is-socjeta attrici;
(iii) Il-konvenut gabar ghan-nom tas-socjeta attrici s-somma ta' Lm203.50 minghand klijenti taghha u dawn il-flejjes qatt ma ghaddihom lis-socjeta attrici;
(iv) Is-somma ta' Lm14.13 hija d-differenza li tirrizulta mid-dokumenti markati bhala Dok. CR1 (flejjes li kellha thallas is-socjeta attrici lil terzi sabiex tirranga xoghol li sar hazin mill-konvenut – Lm72.74) u CR2 (flejjes dovuti lill-konvenut ghal xoghol li ghamel fuq inkarigu tas-socjeta attrici – Lm58.61).

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jiddecidi billi jilqa' t-talba tas-socjeta u jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' mitejn u tlieta u ghoxrin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm223.13) kif fuq deskritt, bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Marzu 2001.

L-ispejjez, skond l-Artikolu 10 tal-Kap. 380, jithallsu mill-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**